## Kunsill Lokali

# SAN PAWL IL-BAĦAR

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar,**
**SPB 3411 Malta, Europe**

sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

# Rapport Amministrattiv
# Sena 2020

# Werrej

1.0 Il-Kunsill....3
1.1 Il-Kumitati / Is-Sotto Kumitati u Responsabbiltajiet....5
1.2 Il-Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill....5
1.3 Live Streaming....5
2.0 Il-Pjanijiet ta' Kontinġenza - COVID-19....6
3.0 Il-Ħidma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill....6
3.1 It-Titjieb fil-mezzi ta' Komunikazzjoni mal-Pubbliku....6
3.2 Il-Miżuri Ambjentali....7
3.3 Il-Permessi maħruġa mill-uffiċċju tal-Kunsill u pagamenti proċessati....7
3.4 L-Ilmenti u s-Suġġerimenti....7
3.5 Il-Lampi u Bozoz tat-toroq....8
3.6 *Works Orders*....8
3.7 Il-Klejms....9
3.8 Ix-Xogħol ta' tindif u manutenzjoni....9
3.9 L-Iskart....9
3.10 L-Iskart Goff....10
4.0 Il-Bordijiet u l-Kumitati....10
5.0 Il-Laqgħat....10
6.0 L-Iskemi....11
7.0 Il-Proġetti....11
8.0 Il-Ħidma Edukattiva u Soċjali....11
9.0 Ix-Xogħlijiet Infrastrutturali u Ambjent....12
10.0 Ix-Xiri – Kwotazzjonijiet u Sejħiet għallOfferti....15
11.0 L-Attivitajiet....15
12.0 Is-Safar....15
13.0 Ir-Riżorsi Umani....15
14.0 Il-Finanzi....16
15.0Konklużjoni....16

ANNESS - Rapporti ta' Ħidma tal-Kunsilliera

**Abbrevjazzjonijiet:** RFQ - *Request for Quotations*

CMD - *Cleansing and Maintenance Department*

MTA - *Malta Tourism Authority*

FTZD - *Foundation for Tourism Zones Development*

X.G

## 1.0 Il-Kunsill Leġislatura 9

**<u>Introduzzjoni</u>**

Għeżież Residenti, is-segwenti huwa rapport ta' ħidma aministrattiva u ta' xogħolijiet li saru mill- Kunsill matul is-sena elfejn u għoxrin (2020). Il- ħidma tikkorrispondi ma deċizjonijiet li ttieħdu mill-Kunsill li matul 2020 kien iffurmat mis-Sindku Alfred Grima, Viċi Sindku Daryl Connor u ħdax-il Kunsilliera: Graziella Galea, Anne Maric Fcncch, Carlos Zarb, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Mario Salerno, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni u Antoinette Bezzina. Il-Kunsill elett matul id-disa' leġiżlatura beda jopera b'effett mill-1 ta' Lulju 2019. Din il-leġiżlatura hija ppjanata li jkollha terminu ta' ħames snin, jiġifieri sas-sena 2024.

Il-kompożizzjoni tal-Kunsill hija bbażata fuq l-istatistika uffiċjali maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika. Skont ċifra maħruġa fl-1 ta' Jannar, 2020 il-popolazzjoni kienet stmata li tlaħħaq 32,204 fix-xitwa. Matul ix-xhur tas-sajf titla' għal madwar 50,000.

L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hija mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv Mariella Strout. Il-ħidma tagħha f'din il kariga bdiet fl-4 ta' Ġunju 2018. Hija megħjuna minn Assistent Prinċipal, Uffiċjal Eżekuttiv u erba' Skrivani fix-xogħol tal-uffiċċju.

Il-ħidma tal-Kunsill li kienet pjanata għal matul din is-sena ġiet kompromessa mid-dell tal-pandemija Covid-19 fejn l-attivitajiet li kienu jinvolvu numri kunsideravoli ta' nies kellhom jiġu ikkanċellati. Madankollu l-Kunsill baqa' konsistenti billi sfrutta mezzi oħra sabiex jibqa' iservi lill-komunita' b'servizzi aministrattivi, kemm mill-uffiċċju kif ukoll onlajn. Ix-xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalita' kompla għaddej, waqt li nbeda ukoll il-proċess ta' tfassil ta' diversi proġetti infrastrutturali u skataw il-kumpilazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-fondi fuq diversi proġetti oħra. Referenza għal dawn temi tinstab iktar l-isfel f'dan ir-rapport.

Fuq nota pożittiva n-neċessita li ġabet magħha s-sitwazzjoni ħaffet il-proċess sabiex ċertu servizzi jibdew jiġu aċċessibbli onlajn. B'hekk tnaqqas liffullar fl-uffiċċju u nies qed jinqdew b'iktar effiċjenza. Din il-proċedura għenet ukoll sabiex il-Kunsill ikun jista jimplimenta miżuri favur il-familja għall-ħaddiema tiegħu.

## 1.1 Responsabbiltajiet/ Kumitati / Sotto-Kumitati

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill ħatar Kumitati/Sotto-Kumitati ġodda, bil-għan li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjanijiet tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali.

| **Responsabbiltajiet** | **Ismijiet** |
|---|---|
| L-Indafa | Kunsillier Stephen Cremona |
| L-Ambjent | Kunsillier Mario Salerno |
| Iż-Żgħażagħ u t-Tfal | Kunsillier Carlos Zarb |
| Sports u Attivitajiet Fiżiċi | Kunsillier Carlos Zarb |
| L-Innovazzjoni | Kunsillier Chris Vella Petroni |
| L-Infrastruttura | Sindku Alfred Grima |
| Proġetti | Sindku Alfred Grima |
| L-Anzjani | Kunsillier Antoinette Bezzina |
| L-Edukazzjoni | Kunsillier Mario Salerno |
| Il-Kultura | Kunsillier Mario Salerno |
| Komunitajiet | Kunsillier Graziella Galea |
| Il-Qasam Soċjali | Kunsillier Anthony Delia |
| L-Integrazzjoni Soċjali | Kunsillier Anthony Angelo Attard |
| Il-Ħarsien tal-Annimali | Kunsillier Anne Marie Fenech |

| **Kumitati u Bordijiet** | **Bord jikkonsisti minn:** |
|---|---|
| Bord tal-Infrastruttura | **Sindku** Alfred Grima, **Kunsilliera** Anthony Delia, Paul Bugeja u Membri Charlie Galea |
| Bord tal-Attivitajiet | **Viċi Sindku** Daryl Connor, **Kunsillier** Anne Marie Fenech, Membri Pierre Bonnet, Charlo Spiteri u Joseph Vella |
| Bord ta' Ingaġġ ta' ħaddiema | **Sindku** Alfred Grima, **Kunsilliera** Alfred Bray u Anne Marie Fenech |



A.G.

| | |
|---|---|
| Bord ta' Skemi u Fondi Finanzjarji | **Kunsilliera** Mario Salerno, Chris Vella Petroni / sostitut Anthony Angelo Attard u Membri Antonio Enrico, Frans Borg u Simone Aquilina |
| Bord ta' Ġemellaġġi | **Kunsilliera** Paul Bugeja, Membru Joseph Vella, Segretarju Eżekuttiv Reġjun Tramuntana George Abdilla |
| Kumitat Ħidma Buġibba u l-Qawra | **Viċi Sindku** Daryl Connor, **Kunsillier** Chris Vella Petroni , Residenti Charlie Galea, Josette Vella u David Busuttil |
| Kumitat Żgħażagħ | **Kunsillier** Carlos Zarb, **Ambaxxatur taż-Żgħażagħ** Shakira Grace Camilleri, Membri Harley-Davidson Casha, Christina Muscat, Francesco Catania, Jordan Gatt, Landie Pulis, Liam Dimech u Megan Galea. |
| Kumitat Ħidma Xemxija u Limbordin | Ċerpersin **Kunsillier** Stephen Cremona |
| Bord ta' Aġġudikazzjoni | Ċerpersin **Kunsillier** Paul Bugeja, Segretarju Eżekuttiv Mariella Strout, Aġġudikaturi: Robert Ciantar, Charles Galea u Romina Perici Ferrante. |

## 1.2 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill

**Tabella tal-attendenza tal-Kunsilliera**
**L-attendenza tal-Kunsilliera matul is-sena 2020**
Bejn l-1 ta'Jannar u Diċembru 2020 inżammu 16 il-laqgħa tal-Kunsill Lokali, li 3 minnhom kienu b'urġenza.

L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt. Laqgħat 14, 15 u 16 saru onlajn.

| Kunsilliera | Laqgħat | Preżenti | Skużat/a | Assenti |
|---|---|---|---|---|
| Alfred Grima | 16 | 16 | 0 | 0 |
| Daryl Connor | 16 | 16 | 0 | 0 |
| Graziella Galea | 16 | 15 | 1 | 0 |
| Anne Marie Fenech | 16 | 9 | 7 | 0 |
| Carlos Zarb | 16 | 14 | 2 | 0 |
| Mario Joseph Salerno | 16 | 15 | 1 | 0 |
| Anthony Delia | 16 | 15 | 1 | 0 |
| Alfred Bray | 16 | 14 | 2 | 0 |
| Paul Bugeja | 16 | 16 | 0 | 0 |
| Stephen Cremona | 16 | 15 | 1 | 0 |
| Anthony Angclo Attard | 16 | 15 | 1 | 0 |
| Christopher Vella Petroni | 16 | 14 | 2 | 0 |
| Antoinette Bezzina | 16 | 16 | 0 | 0 |

A.G.

### *1.3 Live Streaming*

Il-Kunsill baqa' jxandar il-laqgħat tiegħu permezz tal-internet. Ix-xandir tal-laqgħat tal-Kunsill huwa aċċessibbli permezz ta' din il-*link*:

http://sanpawl.ifnetworks.net

## 2. Pjanijiet ta' Kontinġenza - COVID-19

Il-Kunsill ħa l-miżuri li ġejjin mill-bidu tal-pandemija;

- Ix-xogħol mill-uffiċċju beda jinħadem bi skeda fejn ma jkunx hemm aktar minn tlett skrivani fl-uffċċju u l-kumplament jaħdmu mid-dar (minn Lulju sa Diċembru bdew jaħdmu full staff mill-uffiċċju ħlief għal dawk li għandhom sigħat *telework* approvati).
- Ġiet introdotta sistema sabiex il-permessi jiġu proċessati onlajn u jitħallsu onlajn.
- Ġie nstallat *software* fil-laptop ta' kull skrivan sabiex it-telefon tal-Kunsill jiġi mwieġeb minn fuq il-*laptop.*
- l-iskrivani ngħataw struzzjonijiet sabiex dejjem jintuża stationery tagħhom u jużaw *wipes* meta tintuża il-*printer* jew juzaw il-*printer* li għandhom fejn l-iskrivanija tagħhom.
- L-uffiċċju jiġi iddiżinfettat darbtejn fil-ġimgħa u wara li nħarġet sejħa ġiet iffumugata l-binja kollha inkluż iċ-Ċentru ta' matul il-jum u l-garaxx.
- Il-bank quddiem tal-*customer care* kien diġa' kellu ħġiega sabiex ikunu separati mill-pubbliku, iżda għall-iktar sigurta' żdid ukoll *screen* tal-*perspex* bejn l-iskrivani.
- Qed jintlibsu il-maskli minn kulħadd.
- Fir-*reception area* ġew installati sinjali mal-art sabiex in-nies iżommu d-distanza.
- Bejn nofs Marzu u Ġunju l-uffiċċju ma kienx qed jipproċessa pagamenti ta' L.E.S.A., Dipartiment tal-Artijiet u tal-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu. Issa qed jiġu proċessati kull pagamenti.
- Il-laqgħat tal-Kunsill, bejn Marzu u Ġunju saru onlajn.
- Il-Kunsill offra servizz sabiex min ma kienx jista joħroġ mid-dar, titteħiddlu x-xirja *(groceries*) d-dar.

## 3.0 Il-Ħidma mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill - Servizz lill-Komunità

### 3.1 Titjieb fil-mezzi ta' Komunikazzjoni mal-Pubbliku

- Tnedija ta' *app* tal-Kunsill aċċessibbli minn fuq il-mobajl f'Mejju 2020.
- Tnedija ta' indirizzi ġodda ta' posta elettronika relatati mal-kontenut ta' servizz rikjest

  sanpawlil-bahar.permits@gov.mt

  sanpawlil-bahar.lcbulkyrefuse@gov.mt

  sanpawlil-bahar.lcreportit@gov.mt

A.G.

- Bdil fi tweġiba awtomatika fuq l-imejls fejn tagħti informazzjoni utli ta' kif wieħed għandu jikkomunika mal-Kunsill u ma entitajiet oħra.
- Applikazzjoni ta' *EPOS system* sabiex il-ħlas mill-pubbliku jkun jista jsir bil-*credit card.*
- Titjieb fuq tweġiba awtomatika fuq it-telefon.
- Ġie nstallat *Software* ġdid fuq kull *laptop* tal-impjegati sabiex ikunu jistaw jirrispondu t-telefonati tal-Kunsill mid-dar, kif ukoll jistaw iċemplu minnhu.
- Sar tindif ta' *I.T. Cabinet.*
- Ġew maħluqa listi, waħda dwar l-ilmenti u oħra dwar il-permessi. Il-lista ta' l-ilmenti sservi sabiex jinżammu rekords ta' l-ilmenti li jidħlu u tingħata referenza li klijent sabiex ikun iktar faċli ssir *follow up* ta' dak l-ilment. Il-lista tal-permessi sservi sabiex jiġi evitat li jingħataw permessi fl-istess post u tinħoloq konġestjoni ta' traffiku.
- Intbagħtu mas-6,063 **ittra/imejl** fuq **sanpawlil-bahar.lc@gov.mt** u ġew irreġistrati 10,677 korrispondenza oħra, filwaqt li ġew ipproċessati mal-**permessi** dwar xogħlijiet varji fil-lokalità. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, *scaffoldings*, attivitajiet, tqegħid ta' *skips* u tħaffir ta' toroq.
- Il-Kunsill irċieva 36 mistoqsija parliamentari fejn ġew imwieġba kollha.
- Bdew jiġu segwiti *Road Works Procedure* minn fuq l-Portal ta' Transport Malta, fejn il-Kunsill irrisponda għal 77 talba għall-permess li nħarġu fuq il-lokalita'.
- Jiġu proċessati talbiet ta' parkeġġi riservati li jkunu ġew sottometti ma Transport Malta.

### 3.2 Miżuri Ambjentali

Inxtrat *tablet* għal kull Kunsillier sabiex tiġi *użata* waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Permezz ta' din it-*tablet* tnaqqas l-użu tal-karti printjati li kienu *jintużaw* waqt il-laqgħa tal-Kunsill

### 3.3 Permessi maħruġa mill-uffiċċju tal-Kunsill u pagamenti proċessati

Jannar 2020 sa Diċembru 2020

| Nru ta' Permessi | Onlajn | Ammont totali |
|---|---|---|
| 6462 | €30,144.81 | €82,709.68 |

| Pagamenti Proċessati | Ammont |
|---|---|
| L.E.S.A. - 1,598 | €54,901.08 |

| | |
|---|---|
| **Dipartiment tal-Artijiet - 380** | **€48,340.10** |

Kwalunkwe ċittadin għandu l-faċilità li jiġbor diversi applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Kunsill. Cittadini jistaw jagħmlu użu mill-*laptop* provdut mill-Kunsill sabiex jintuża' ġewwa l-binja tal-Kunsill.

**3.4 Ilmenti u Suġġerimenti**

Matul is-sena 2020, il-Kunsill irċieva madwar 5000 ilment u suġġeriment. Dawn jintlaqgħu b'mezzi bħat-telefon, imejls, minn fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill, dawk li jiġu direttament l-Uffiċċju tal-Kunsill, mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u entitajiet Governattivi oħra. Il-Kunsill kien jirċievi lmenti dwar, l-istat tat-toroq, l-iskart, l-iskart goff u kull xorta ta' vandaliżmu. Il-Kunsill jilqa' ukoll suġġerimenti mill-pubbliku.

*Facebook Posts* 730

*Facebook Messages* 1,800

Jista' jkun li wħud minn dawn l-ilmenti baqgħu ma ġewx solvuti sal-aħħar tas-sena 2020, iżda żgur li kulħadd jipprova jagħmel l-almu tiegħu kollu sabiex ir-residenti jinqdew fil–pront.

Mistoqsijiet mill-Parlament fejn ġew irrisponduti 36 mistoqsija

**3.5 Lampi u bozoz tat-toroq**

Ġew mgħoddija 225 ilment lill-Kuntrattur tal-Kunsill bejn Jannar u Diċembru 2020

Saru 6 lampi ġodda fuq l-arbli

Proġett ta' installazjoni ta' dawl ġdid fi Triq l-Istamnar, Triq it-Tamar, Triq il-Kaħli, Triq il-Klamari u Triq Annetto Caruana li huma finanzjament mid-*Development Project Fund.*

A.G.

### *3.6 Works Orders*

**Jannar 2020 sal-31 ta' Dicembru 2020**




| | |
|---|---|
| Totali | 1881 |
| Konklużi | 1862 |
| Pendenti | 19 |
| Kanċellati | 2 |

### 3.7 Klejms relatati mal-vetturi

Matul 2020 daħlu 5 klejms fejn 3 minnhom ġew solvuti mingħajr ma tħallas kumpens u 2 oħra ġew mgħoddija lil *insurance* tal-Kunsill sabiex tinvestiga il-każijiet.

### 3.8 Xogħol ta' tindif u manutenzjoni mwettqa mill-Kunsill

- Tindif u manutenzjoni ta' *Soft Areas* u *Playing fields*. Din is-sena sar xogħol ta' rutina.
- Il-lokalita' bdiet tibbenifika minn servizz ġdid ta' 8 kenniesa madwar il-lokalita'.
- Il-Kunsill ibbenifika mis-servizz ta' l-*OZO Malta* fejn sar tindif ġenerali u knis madwar il-lokalita'.
- Manutenzjoni ta' toroq u bdil ta' tabelli, kif ukoll qed isir rifreskar ta' sinjali ta' toroq.
- Bdil ta' *manholes* u ntlaħaq ftehim mas-*service providers* sabiex jagħtu attenzjoni lill-*manholes* li jaqgħu fir-responsabbiltà tagħhom.
- Tindif estensiv ta' tindif ta' spralli madwar il-lokalita'.

A.G.

**3.9 Skart**

Il- problema tal-iskart hija waħda inkwetanti fil-lokalità tant li l-Kunsill ikollu jagħmel ġbir addizzjonali sabiex iżomm il-lokalità nadifa.

| Kolletur / Tunellati tal-iskart u skart goff | Data: Jannar sa Diċembru |
|---|---|
| Ħaddiema tal-Kunsill | 231,080 |
| Kuntrattur tal-iskart goff | 106,580 |
| Kuntrattur tal-iskart imħallat | 9,837,380 |
| Kuntrattur tal-iskart organiku | 970,040 |

**3.10 Skart goff**

**Ġbir ta' skart goff mill-kuntrattur tal-Kunsill**

Jannar sa Diċembru 2020 nġabru 11,422 biċċa ta' skart goff.

**4. Bordijiet u Kumitati**

**Bord ta' l-infrastruttura**: Saru tlett laqgħat, iżda matul is-sena il-Bord għamel diversi laqgħat ma *stakeholders* sabiex jiġu implimentati proġetti bħal asfaltar ta' toroq ġodda, *patching* estensiv ta' toroq madwar il-lokalita', manutenzjoni tal-latrini, żvilupp ta' parkeġġi ġodda u tisbieħ ta' *playing fields*.

**Bord ta' l-attivitajiet:** Saru diversi laqgħat iżda dak li kien pjanat ma setgħax isir minħabba il-miżuri ta' mitigazzjoni relatati mal-pandemija.

**Bord ta' attivitajiet fiżiċi**: Saru diversi laqgħat iżda dak li kien pjanat ma setgħax isir minħabba l-miżuri ta' mitigazzjoni relatati mal-pandemija.

Matul is-sajf inħoloq Bord temporarju sabiex tiġi diskussa u formulata ***Bye-Law*** **Dwar il-Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi.** Waqt dawn il-laqgħat ipparteċipaw *stakeholders* li għandhom esperjenza fl-industrija tal-ospitalita' u Kunsilli oħra li għandhom *Bye-Law* simili. Din il-*Bye-Law* għaddiet għall-istadju sabiex tiġi diskussa fil-parlament.

**Kumitat Żgħażagħ:** Saru diversi laqgħat matul is-sena fejn ġew pjanati diversi *clean-ups*. Il-kumitat għamel ukoll ġest altruwistiku fejn għamlu għotja ta' demm. Attivitajiet oħra li kien hemm pjanati ma sarux riżultat tal-pandemija.

**5. Laqgħat**

L-Amministrazzjoni ħadet ħsieb sabiex torganizza diversi laqgħat ma' diversi *stakeholders* kif ukoll kienet parteċipi f'laqgħat fejn ġiet mistiedna. Dawn kienu jinkludu laqgħat u seduti onlajn mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, mar-Reġjun Tramuntana (*Integration Meeting*), mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, ma *TM*



A.G.

*Maritime*, mal-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu, mal-Awtorità tal-Ippjanar, mal-Green MT, ma *WasteServ Malta Limited*, mal-L.E.S.A., mal-Pulizija tal-Lokalità, mal-Aġenzija *FSWS* u Aġenzija Sapport, ma Sports Malta, ma *Malta Olympic Committee*, mal-*MEUSAC* (Fondi Ewropej), mal-GalMajjistral, mal-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq, mal-Periti u l-*Accountant* tal-Kunsill, ma Kuntratturi li għandhom kuntratt mal-Kunsill u kif ukoll ma diversi entitajiet oħra.

Saru diversi laqgħat mal-Pulizija fejn ġiet diskussa l-possibbilta' li l-lokalita' tgawdi mis-servizz ta' *Community Policing*. Din is-sejħa ġiet ikkonfermata mill-Kumissarju tal-Pulizija waqt laqgħa li saret fl-uffiċju tal-Kunsill.

L-uffiċċju tal-Kunsill ġie msejjaħ jibgħat rappreżentant sabiex jixhed fil-qorti fuq każijiet li jkunu mressqa mill-Pulizija kif ukoll dwar każijiet li huwa involut il-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv attendiet Seminar *CREATE 2020: Investing in cultural and creative capacity skills in Malta's public sector ESF.04.0079* organizzat mill-*Arts Council Malta* b'kollobarazzjoni mar-Reġjun Tramuntana.

## 6. Skemi

| Skemi | Reference no | Date | Status |
|---|---|---|---|
| 30 Bus Shelters Faces | | 14/02 2019 | on going |
| WIFI4EU | | 28/02/2019 | on going |
| Pilot Project Smart Bins fil-lokalitajiet - SPBLC applika għal 500 Smart Bin | | 08/04/2019 | on going |
| Finanzjament ta' Progetti Kapitali- Apparat ghal Sistema ta' Irrigazzjoni | SPI/07/2019 | 18/04/2019 | Completed |
| Applikazzjoni Library - Cirkulari Numru SPI 10/2019 Skema Finanzjarja Zvilupp ta' Librerijl Lokali / Regjonali f'Centri tal-Komunita' | SPI SCI/10/2019 | 20/05 2019 | on going |
| Animal Welfare Scheme LC CARE PROJECT GRANT SUPPORT SCHEME | AHWD/AW/31/2020/38 | 23/11/2020 | on going |
| Fondi għall-Attivitajiet u Inizjattivi KulturaliFondi ffinanzjati mill-Aġenzija LESA għall-Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali u Soċjali - Grant | | 29/07/2019 | on going |
| Community Inclusive Employment Scheme - 2019 | SPI/SCI/14/2019 | 16/01/2020 | on going |
| Inizjattiva Finanzjarja- Local Government Culture Fund 2018-2020 | Ċirkulari Numru 9/2017-It-Tieni Sejħa | | on going |

## 7. Proġetti

Inbeda l-ippjanar tal-proġetti għal tisbieħ u ambjent sostenibbli madwar il-lokalita'. Tfasslu l-pjanti, saru l-applikazzjonijiet għall-permessi mal-entitajiet involuti. Kif ukoll inbdew il-preparazzjonijiet għal żewġ proġetti li ser ikunu 80% iffinanzjati minn fondi Ewropej – Gal Majjistral - *Rural Development Programme* 2014-2020

- Veċċ *Playing field* Il-Qawra
- Burmarrad *Playing field*
- Sit fi Triq il-Witja k/m Triq Burmarrad
- Erba' Mwieżeb



A.G.

- *Millenium Garden*
- *The Public Conveniences*
- WWII *Pill Box* – Gal Majjistral
- *Green Infrastructure – Consolidating Green Soft Areas* - Gal Majjistral

**8. Ħidma Edukattiva u Soċjali**
Il-Kunsill ġie mistieden jattendi għaċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-Iskola Primarja tal-Qawra Kulleġġ Marija Reġina

- Il- Kunsill għen fl-applikazzjoni tal-immaniġġjar tat-traffiku għal madwar l-iskola l-ġdida
- Saret preżentazzjoni ta' *skips* ġodda għall-istess skola
- Saret preżentazzjoni ta' kotba Wiżżu lill-iskola tal-Qawra u lill-librerija tal-lokalita'
- Korsijiet tal-*Lifelong Learning* li saru fl-iskola primarja
- Korsijiet tal -Mużika- Qed isiru lezzjonijiet tal-mużika b'kollaborazzjoni mal-każin tal-banda Soċjeta' Mużikali San Pawl – onlajn
- Il-Kunsill jipprovdi t-trasport għaċ-Ċentru ta' matul il-jum tal-Anzjani
- Il-Kunsill ġie mistieden għaċ-ċerimonja f'għeluq il-100 sena ta' anzjana mill-lokalita'
- Il-Kumitat u Sotto Kumitat taż-żgħażagħ tal-Kunsill organizzaw diversi *Clean-ups* fil-lokalita'
- Il-Kunsill ta' assistenza lil diversi *NGOs* bħal ma huma *Sea Cadets*, *Scouts* u orginazzjoni Żibel sabiex jagħtwaw l-attivitajiet u *clean-ups* fil-lokalita'

Kien hemm self ta' kotba mill-Librerija Pubblika, li tinsab fi Triq l-Iskola, San Pawl il-Baħar.
Nixtieq infakkar li l-librerija tiftaħ nhar ta' Tlieta u Ġimgħa bejn it-8.30 ta' filgħodu u n-12.30 ta' wara nofsinhar, u nhar ta' Sibt bejn is-2.00 ta' wara nofs inhar u l-4.00 ta' wara nofsinhar.
Il-librerija pubblika bbenefikat minn skema oħra sabiex issir iktar manutenzjoni u jiġu organizzati korsijiet qosra b'tema u li jinxtraw ukoll kotba fuq l-istess suġġett.
Il-librara: ta' min ifakkar li s-servizz tal-librar huwa ko-finanzjat mill-Kunsill Lokali.

**9. Xogħlijiet Infrastrutturali u Ambjentali**
Saru bosta xogħolijiet infrastrutturali fil-lokalità.

- Ġie iffirmat *Memorandum of Understanding* ma Infrastruttra Malta sabiex issir Triq il-Ħżejjen (Xifer il-Kief).
- It-toroq fejn saru xogħolijiet ta' *patching* estensiv huma Triq Buġibba, Triq il-Mosta, Triq San Pawl u Triq Sant'Aristarku.
- Saru tiswijiet fuq diversi bankini.

A.G.

- Ġew installati CCTV *cameras* fl-*Open Gym* Triq it-Trunċiera.
- Saru diversi xogħolijiet ta' *patching* mill-ħaddiema tal-Kunsill f'toroq madwar il-lokalita' valur ta' EUR5702.46.
- Inżergħu numru sostanzjali ta' siġar li ngħataw minn Ambjent Malta.
- B'Kollobarazjoni ma entita' Gal Majjistral sar it-tnedija ta' Miżura 4 mill-binja tal-Kunsill fejn iltaqgħu diversi *stakeholders* u membri tal-pubbliku.
- Ġew installati *bins* ġodda madwar il-lokalita'.

## 10. Xiri – Sejħiet għall-Offerti u Kwotazzjonijiet

Jannar sa Diċembru 2020

Inħarġu 40 kwotazzjoni – 34 mogħtija, 6 pendenti u 2 kanċellati

| | | | |
|---|---|---|---|
| 01/2020SG | *Purchasing of 300 LED Bulbs* | Ref. 55/0028/20/0SG | *Awarded* |
| 02/2020SG | *Purchasing of 20 Bags Compound Fertilizer* | Ref. 55/0029/20/0SG | *Awarded* |
| 03/2020SG | *Purchasing of Instant Road Repair Bags and Tar* | Ref. 55/0031/20/0SG | *Awarded* |
| 04/2020SG | *Purchasing of Multi Litter Bins* | Ref. 55/0044/20/0SG | *Awarded* |
| 05/2020SG | *Purchasing of 6 Iroko Wooden Beams* | Ref. 55/0058/20/0SG | *Pending* |
| 06/2020SG | *Purchasing of a Mobile App* | Ref. 55/0082/20/0SG | *Awarded* |
| 07/2020SG | *Service of Cash Collection* | Ref. 55/0100/20/0SG | *Awarded* |
| 08/2020SG | *Purchasing of a Floor Saw* | Ref. 55/0108/20/0SG | *Awarded* |
| 09/2020SG | *Provision of Mini Bus Shuttle Service* | Ref. 55/0123/20/0SG | *Awarded* |
| 10/2020SG | *Provision of Printing and Folding Service* | Ref. 55/0136/20/0SG | *Awarded* |
| 11/2020SG | *Provision of Distribution Service* | Ref. 55/0137/20/0SG | *Awarded* |
| 12/2020SG | *Provision of Service of Grass Cutting in Non-Urban Areas* | Ref. 55/0138/20/0SG | *Awarded* |
| 13/2020SG | *Purchasing of Heavy Duty Garbage Bags (150 litres ) including delivery* | Ref. 55/0175/20/0SG | *Pending* |
| 14/2020SG | *Purchasing of Outdoor Gym Equipment* | Ref. 55/0177/20/0SG | *Awarded* |
| 15/2020SG | *Purchasing of Refillable Cartridges including delivery* | Ref. 55/0176/20/0SG | *Awarded* |
| 16/2020SG | *Purchasing of Service of Neutering of Stray Cats and Purchasing of Cats Dry Food* | Ref. 55/0199/20/0SG | *Awarded* |
| 17/2020SG | *Provision of Purchasing of a Hedge Trimmer* | Ref. 55/0200/20/0SG | *Awarded* |



A.G. [handwritten initials]

| | | | |
|---|---|---|---|
| 18/2020SG | *Request for Quotations for the Provision of Service of a High Up* | Ref. 55/0232/20/0SG | *Awarded* |
| 19/2020SG | *Purchasing of Heavy Duty Garbage Bags including delivery* | Ref. 55/0233/20/0SG | *Awarded* |
| 20/2020SG | *Provision of Galvanised Metal Grids including installation* | Ref. 55/0242/20/0SG | *Awarded* |
| 21/2020SG | *Purchasing of 3 Cat Traps including delivery* | Ref. 55/0245/20/0SG | *Awarded* |
| 22/2020SG | *Purchasing of (7) Summer Uniforms Clerical Staff including delivery* | Ref. 55/0246/20/0SG | *Awarded* |
| 23/2020SG | *Purchasing of a Grass Trimmer* | Ref. 55/0254/20/0SG | *Awarded* |
| 24/2020SG | *Purchasing of Kennels* | Ref. 55/0322/20/0SG | *Pending* |
| 25/2020SG | *Purchasing and Installation of Soft Flooring* | Ref. 55/0376/20/0SG | *Awarded* |
| 26/2020SG | *Provision of Service for Cleaning and Flushing of Street Culverts* | Ref. 55/0398/20/0SG | *Awarded* |
| 27/2020SG | *Provision of Watering Services by Bowser* | Ref. 55/0399/20/0SG | *Awarded* |
| 28/2020SG | *Purchasing and Installation of a Perspex Sign* | Ref. 55/0405/20/0SG | *Pending* |
| 29/2020SG | *Request for Quotations for Brochures A4, 3 gates* | Ref. 55/0406/20/0SG | *Pending* |
| 30/2020SG | *Provision of Printing Services* | Ref. 55/0422/20/0SG | *Pending* |
| 31/2020SG | *Provision of Service of Proofreading* | Ref. 55/0467/20/0SG | *Awarded* |
| 32/2020SG | Talba għall-Kwotazzjoni għall-Xiri u/jew Manutenzjoni/Tisħieħ ta' Biben Eżistenti @ Latrina Pubblika, Triq San Ġeraldu, San Pawl il-Baħar | Ref. 55/0485/20/0SG | *Awarded* |
| 33/2020SG | Talba għall-Kwotazzjoni għall-Issettjar u Stampar ta' Ktejjeb | Ref. 55/0501/20/0SG | *Awarded* |
| 34/2020SG | *Provision of Cleaning Services at the SPBLC Administrative Building* | Ref. 55/0505/20/0SG | *Awarded* |
| 35/2020SG | *Provision of Services of Placing Christmas Lights at San Pawl il-Baħar* | Ref. 55/1234/20/0SG | *Awarded* |
| 36/2020SG | *Purchasing of Bins On Wheels* | Ref. 55/0540/20/0SG | *Awarded* |
| 37/2020SG | *Provision of Service of Grass Cutting in Non-Urban Roads* | Ref. 55/0541/20/0SG | *Awarded* |
| 38/2020SG | *Purchasing of Laptops* | Ref. 55/0597/20/0SG | *Pending* |
| 39/2020SG | *Purchasing of Banners* | Ref. 55/0601/20/0SG | *Pending* |
| 40/2020SG | *Purchasing of Globes for decorative lightings* | Ref. 55/0603/20/0SG | *Awarded* |

**Sejħiet għall-Offerti -** inħarġu 6 sejħiet fuq *EPPS tendering platform*, fejn 2 minnhom inħarġu darbtejn. Wara li reġa' sar il-proċess wieħed ġie mogħti u ieħor qiegħed fil-fażi ta' appell.

| Referenza | Titlu |
|---|---|



A.G. PB

| | |
|---|---|
| SPB T/06/2019 | *Professional services of a Contracts Manager & Maintenace Works Supervisor* |
| SPB T/03/2019 | *Tender for the provision of Non-Urban Grass Cutting* |
| SPB T/03/2020 | *Call for Tender - Hiring, Installation, Maintanence and Dismantling of Christmas Decorations Buġibba -Locality of San Pawl il- Baħar* |
| SPB T/01/2020 | *Tender for Refurbishing of 3 Public Conveniences* |
| SPB T/06/2019b | *Professional services of a Contracts Manager* |
| SPB T/02/2020 | *Non-Urban Grass Cutting* |

Dawn is-sejħiet huma segwieti minn kumitat kompost minn Ċerpersin, Segretarju Eżekuttiv u Evalwaturi li iltaqgħu diversi drabi sabiex jiġu evalwati 6 sejħiet għall-offerti. Id-dettalji ta' kull laqgħa jinstabu f'kull rapport ta' evalwazzjoni.

**11. Attivitajiet Kulturali, Soċjali u Sportivi**

Għal matul din is-sena l-Kunsill kellu pjanat diversi attivitajiet kulturali, edukattivi u sportivi iżda minħabba l-pandemija tal-Covid-19 kellhom jiġu ikkanċellati. L-attivitajiet kulturali kienu jinkludu ħargiet għall-anzjani, il-Karnival tas-Sajf, kunċerti fil-beraħ minn gruppi u kantanti popolari, kif ukoll attivitajiet b'sehem ta' *NGOs* fil-Lokalita'.

**Milied**

Inħarġet sejħa ta' servizzi sabiex jinxtegħlu toroq madwar Buġibba fosthom Triq il-Korp tal- Pijunieri, Triq il-Bajja, il-Pjazza ta' Buġibba, Triq il-Qalb ta' Ġesu' u Triq il-Ħalel. Bħal ma ġara s-sena ta' qabel reġgħu inxtegħlu toroq f'San Pawl il-Baħar, ix-Xemxija, Burmarrad u l-Qawra.

Il-Kunsill Lokali b'kollaborazzjoni mal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu ħa ħsieb jarma Triq it-Turisti b'valur ta' EUR3,000 u bl-għajnuna ta' Reġjun Tramuntana ħa ħsieb jarma Triq Toni Bajada b'valur ta' Eur1,500.00.

**12. Safar**

**Ma sar l-ebda safar matul is-sena 2020.**

**13. Riżorsi Umani**

Ingaġġ ta' ħaddiema

Skrivan – Frar 2020

*Operative General Hand* – Settembru 2020

*Supervisor* – Settembru 2020

*General Hand* – Novembru 2020

A.G. PB

L-istaff tal-uffiċċju huwa kompost minn Segretarju Eżekuttiv Mariella Strout, is-Sa. Sandra Grech bħala Assistent Prinċipal *full time*, is-Sa. Delcine Gauci bħala Uffiċjal Eżekuttiv *reduced hours*, u is-Sa. Nadine Boughara, is-Sa. Josienne Bartolo, is-Sur Matteo Muscat u s-Sur Francesco Catania bħala skrivani *full time*. Din is-sena ġew ingaġġati *Supervisor* is-Sur Sergio Borg u żewġ *Operative General Hands* is-Sur Brooks Lia u s-Sur Joseph Bartolo. Dawn il-persuni dejjem ikunu lesti jagħmlu l-almu tagħhom biex jilqgħu l-ilmenti u jippruvaw, meta jkun possibbli, isibu soluzzjoni għall-problemi li jinqalgħu għalkemm dan mhux dejjem ikun possibbli.

## 14. Finanzi

Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2019 (*unaudited*) jinsab anness ma dan ir-rapport bħala ANNESS . Hawn taħt wieħed għandu jsib tabella li tikkompara d-dħul u l-infiq għas-snin 2018 (*audited*) u 2019 (*unaudited*).

**Dħul**

| | **€- 2019** | **€-2020** |
|---|---|---|
| Mill-Gvern | 2,064,990 | 2,214,166 |
| Mis-sistema ta' infurzar legali | 18,173 | 13,920 |
| Dħul ieħor | 138,000 | 153,537 |
| Minn *Bye-Laws* | 3,014 | 6,236 |
| Imgħax tal-bank | 275 | 27 |
| | 2,224,452 | **2,387,886** |

**Infiq**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Salarji | 208,831 | 236,512 |
| Manutenzjoni u Xogħolijiet | 1,033,194 | 1,338,233 |
| Amministrazzjoni u Spejjeż oħra | 553,592 | 518,628 |
| | 1,795,617 | **2,093,373** |

| | | |
|---|---|---|
| ***Surplus* / Defiċit** | **428,835** | **294,513** |

## 15.0 Konklużjoni

Għaddiet sena oħra ta' ħidma intensiva mill-Kunsill Lokali fejn is-Sindku u l-Kunsilliera ħadu sehem f'diversi diskussjonijiet ma membri tal-Gvern dwar proġetti u inizjattivi li ser isiru fil-lokalità fis-snin li ġejjin. Ħidmithom iktar fid-dettal qegħda preżentata f'rapporti annessa ma dan ir-rapport.

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lis-Sindku, lill-Viċi Sindku u lill-Kunsilliera, lill-impjegati u lill-ħaddiema tal-Kunsill tal-kollaborazzjoni tagħhom. Dan ix-xogħol kien maħsub, ippjanat u



A.G.

mwettaq mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni u l- ħidma ta' kulħadd. Bħala kumment dwar l-amministrazzjoni tal-Uffiċċju, nixtieq ngħid li dan ikun miftuħ regolarment mit-Tnejn sas-Sibt f'ħinijiet stabbiliti mill-Kunsill.

IFFIRMAT
Segretarju Eżekuttiv.

# ANNEX I

# 2020

# Rapport Ta' Hidma mis-Sindku





Alfred Grima
Sindku
San Pawl il-Baħar
grimaalfred.SPB@gmail.com

**<u>Rapport ta' ħidma mwettqa mis-Sindku</u>** - Perjodu : 1/01/2020 – 31/12/2020

**Laqgħat tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**
F'dan il-perjodu ppresidejt 16 il-laqgħa formali tal-kunsill kif ukoll laqgħa annwali.

**Chaiperson - Bord ta' l-Infrastruttura**
Fil-kapaċita tiegħi ta' Chairperson tal-Bord ta' l-Infrastruttura, mexxejt diversi laqgħat tal-Bord, fejn flimkien mal-Membri ħdimt fuq il-proġetti li ġew imfassla għal 5 snin li ġejjin. Bħal kwalunkwe entita oħra, il-pandemija Covid-19 ħalliet l-effetti negattivi tagħha fuq ħidmet il-kunsill, mhux l-anqas fuq dawn il-proġetti. Aktar minn hekk, jiddispjaċini nirrimarka, li l-proġetti qedin jiġu mxekkla ukoll bil-burokrazzija żejda, fejn ġimgħat prezjużi ntilfu fuq sempliċiment approvazzjoni meħtieġa li tgħid li l-proġett jista jsir fuq l-art li l-kunsill ilu mit-twaqqif tiegħu jamministra. L-Awtoritajiet kompetenti għandhom jifmu u japprezzaw, li s-Sindki kif ukoll il-kunsilliera jaħdmu b'mod volontarju. Sitwazzjonijiet simili jiskoraġġixxu lil dawn il-ftit individwi milli jkomplu joffru servizzi simili.

***Aprezzament*** – Nirringrazzja lill-Membri tal-Bord ta'l-Infrastruttura għall-ħidma tagħhom lill-Kunsilliera Paul Bugeja u Anthony Delia kif ukoll is-Sur Charles Galea.

**Chaiperson - Bord Ingaġġ tal-Ħaddiema**
F'dan il-perjodu mexxejt 3 sezzjonijiet ta' *interviews* mill-Bord Ingaġġ tal-Ħaddiema. Waħda fl-ewwel kwart tas-sena, fejn il-kunsill impjega persuna permezz ta' l-iskema *"Community Inclusive Scheme"* u tnejn oħra fejn fl-aħħar xhar ġiet impjegata persuna fi grad ta' *"Supervisor"* kif ukoll żewġ persuni fi grad ta' *"Operative Hand"*. B'hekk it-taqsima tal-manutenzjoni tal-kunsill mistennija tkun aktar effettiva għal li ġej.

**Parteċipazzjoni f'laqgħat u Żjarat**
- ✓ 29 ta' Jannar, 2020 ġejt mistieden nipparteċiepa f'seduta parlamentari, flimkien ma Sindki oħra.
- ✓ 7 ta' Frar, 2020 akkumpanjajt lill-Ministru tal-Ġustizzja u Kunsilli Lokali Dr. Owen Bonnici fi żjara li hu għamel lill-Kulleġġ Maria Reġina, fil-Wardija.
- ✓ 3 ta' Settembru,2020 ipparteċipajt fl-laqgħa mal-Prim Ministru, Dr Robert Abela, il-Ministru ta' l-Intern, Dr Byron Camilleri, il-Kummissarju Angelo Gafa u uffċjali għolja tal-Pulizija u l-LESA, fejn il-ħsieb ewlieni kien li jiġu elenkati d-divesi problemi relatati ma l-infurzar ta' liġijiet u biex possibilment jinstabu metodi li jgħinu titjib il-kordinazzjoni bejn il-kunsilli u l-forzi tas-sigurta fil-pajjiż.
- ✓ 4 ta' Ottubru,2020 flimkien mall-Kunsilliera u s-Segretarju Eżekuttiv attendejt għall-inawgurazzjoni tal-ftuħ ta' l-iskola ġdida tal-Qawra, "Kulleġġ Marija Reġina"mill-Prim Ministru, Dr Robert Abela.
- ✓ Attendejt diversi laqgħat u Seminars tas-Sindki organiżżata mill-AKL.
- ✓ Ipparteċipajt, f'laqgħa organiżżata mir-Reġjun Tramuntana mal-Ministru għal Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, Dr. Aaron Farrugia u s-Sur Richard Bilocca, CEO's Wasteserve, fejn fiha ġie diskuss il-proġett tal-bini ta' l-Inċineratur fil-Magħtab.

**Laqgħat ma l-Onor Ministri u Segretarji Parlamentari**
Fil-preżenza ta' kunsilliera, żammejt laqgħat ma Ministri u Segretarji Parlamentari fosthom ma l-Onor,

- o Ministru għal Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, Dr. Aaron Farrugia.
- o Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, Dr Ian Borg.

**Laqgħat Diversi**
Fil-preżenza ta' xi Membri tal-kunsill lokali/Segretarju Eżekuttiv żammejt diversi laqgħat fosthom ma,

- Is-Sur Richard Bilocca, CEO's Wasteserve.
- L-Inġinier Fredrick Azzopardi, CEO Aġenzija Infrastruttura Malta.
- Is-Sur James Piscopo, CEO u Catherine Fenech, Awtorita ta' l-Artijiet.
- Is-Sur Mario Fava mill-AKL.
- Il-Perit Rita Vella, Frans Mallia u Enzo Cachia Awtorita ta' l-Ippjanar.
- Il-Federazzjoni Maltese Aquatic.
- Il-Perit Kevin Fsadni , Direttur ta' l-Awtorita tat-Turiżmu.
- Il-Kumitat Olimpiku.
- Il-Kumitat Bognor Beach Aqautic Sports Club
- Il-Ministeru għall-Agrikultura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali u rappreżentanti tas-Sajjieda.
- Il-Kummissarju tal-pulizija Angelo Gafa, D.Kummissarju, Ass.Kummissarji u diversi ufficcjali.
- Is-Surmast u l-Priċipal "Kulleġġ Maria Reġina, Qawra" Ms Josette Dalmas u s-Sur Decelis rispettivament.
- NGO's, Uffiċċjali Pubbliċi, Periti u Żviluppaturi kif ukoll bosta ndividwi/residenti.
- Il-Perit, l-Avukat u l-Accountant tal-kunsill (diversi drabi).

**Ħidma amministrattiva –**

- Flimkien ma l-accountant u s-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill ħejjejna pjan ta' ħidma li jkopri 5 snin.
- Fassalt policy li ġiet approvata mill-kunsill li tirregola t-twaħħil ta' mirja tat-traffiku fit-toroq.

**Xogħol Infrastrutturali**

***Applikazzjonijiet RWP1/2/3*** - B'mod konsistenti, segwejt l-applikazzjonijiet RWP1/2/3 għal xogħolijiet infrastrutturali fit-toroq.

***Patching Hot Asphalt*** - Ħadt ħsieb infassal programm ta' xogħol estensiv ta' patching bil-*hot asphalt* għall-kuntrattur tal-kunsill, fejn f'kull każ ingħatat sodda konkos inkluż ix-xibka skond il-pariri tal-perit. B'investiment sostanzjali l-kunsill tejjeb wiċċ triq Sant Aristarkus, il-Korp tal-Pijunieri u Telgħet Bognor filwaqt li nbeda ix-xogħol fi triq il-Mosta.

***Patching Cold Asphalt*** – Fuq bażi regolari ppjanajt xogħol ta' *patching bil-cold asphalt* biex isir mill-ħaddiema tal-kunsill madwar il-lokalita kollha. Dawn ix-xogħolijiet saru bl-aħjar mod possibbli fejn l-investiment li sar mill-kunsilkl bix-xiri ta' sega li taqta t-tarmak/konkrit qed iħalli r-riżultati mixtieqa. Punt ferm pożittiv kien, li f'sena sħiħa l-kunsill iddaħħal każ wieħed biss ta'inċident żgħir li allegatament kien marbut ma nuqqas ta' manutenzjoni fit-toroq minn naħa tal-kunsill. Dan jikkuntrastja bil-kbir ma dak li kien iseħħ fil-Leġislatura preċidenti.

***Sinjali u Tabelli tat-Traffiku*** – Ħadt ħsieb li jitkompla għaddej xogħol relatat ma twaħħil u rranġar ta' tabelli tat-traffiku kif ukoll li jinżebgħu mill-ġdid diversi sinjali tat-traffiku. Flimkien ma TM għint biex jitwettaq program biex jiġu ddentifikati dawk ir-reserved parking li ma għadhomx ta' użu jew li kienu saru mhux skond il-permessi.

***Moll tal-Fekruna*** – Bħala l-persuna risponsabbli mill-proġetti ħdimt ma IM biex saru x-xogħolijiet kollha meħtieġa fl-akkwati tal-Fekruna li kienu ilhom biex isiru mill-maltempata ta' l-2018. Sar ukoll xogħol ta' tarmak ġdid fl-istess inħawi.

***Rain water catchments*** – Assistejt fejn meħtieġ lill-Kunsillier risponsabbli mill-ambjent Stephen Cremona, biex tkomplit tiġi ntensifikata l-ħidma kbira ta' tindif u tranġar ta' *rain water catchments* madwar il-lokalita kollha. Jidher, li dawn ix-xogħolijiet taw riżultat pożittiv.

***Latrina pubblika akkwati tal-moll ta' Buġibba*** - Fl-14 ta' Settembru, 2020, inbdew ix-xogħolijiet abbinati mar-restawr tal-Latrina pubblika ta' maġenb il-moll ta' Buġibba. Bħala l-persuna risponsabbli mix-xogħolijiet infrastrutturali ħdimt, biex il-proġett jitmexxa bl-aħjar mod u fl-anqas żmien possibbli. Dan biex din il-latrina tinfetaħ mill-ġdid wara snin magħluqa. It-timbru tal-pandemija Corona-19 tħalla ukoll f'dan il-proġett, fejn il-ħaddiema tal-kuntrattur kellhom jirtiraw fi kwarantina, bil-konsegwenza li x-xogħolijiet ittardjaw bi ħmistax il-jum.

***Dwal ta' toroq*** - Flimkien mall-Kunsillier risponsabbli mid-dwal ta' toroq, Alfred Bray, l-Inġinier, il-kuntrattur u l-uffiċju tal-kunsill komplejt nikkordina x-xogħolijiet meħtieġa biex it-toroq ikunu akta siguri permezz ta' dwal addizzjonali.

***Xogħolijiet diversi*** – B'mod konsistenti kont involut direttament ma lista twila ta' xogħolijiet ta' manutenzjoni u tindif li saru mill-ħaddiema ta' l-MTA, FTZD, MTIP u CMD. Din il-ħidma ma kinietx titwetta mingħajr il-koloborazzjoni sħiħa ta' Noel Mecieca, Manager FTZD, Sandro Azzopardi, MTIP, Raymond Tabone, Direttur CMD u l-ħaddiema kkonċernata.

***Restawr tat-travi Pjazza Buġibba*** – B'kolloborazzjoni ma MTIP, ħadt ħsieb li jsiru x-xogħolijiet ta' restaw tat-travi tal-Pjazza ta' Buġibba, fejn diversi minhom instabu maqluha minn posthom kif ukoll mikulin bis-susa. Jiddispjaċini nirrimarka li dan in-nuqqas serju ta' manutenzjoni seta wassal għal aċċident ferm serju jekk mhux ukoll fatali.

**Xogħolijiet mill-Ħaddiema tal-Kunsill**

Fis-sena 2020, b'mod kontinwu u flimkien mas-Supervisor Sergio Borg, ikkordinajna lista twila ta' xogħolijiet li jsiru ta' kull jum mill-ħaddiema ta' l-id tal-kunsill. Fost l-ewlenin f'din il-ħidma kien hemm;

- Programm sħiħ ta' ħasil bil-power wash tat-turġien u open spaces madwar il-lokalita kollha.
- Tibdil/tranġar ta' tabelli tat-traffiku.
- Rifreskar ta' bosta sinjali tat-traffiku.
- Xogħolijiet konnessi ma patching bil-cold asphalt.
- Ġbir ta' kwalunkwe tip ta' skart mit-toroq.
- Tranġar kontinwu ta' bankini u bdil ta' kaptelli.

***Tower krejns*** - Huwa ta' sodisfazzjon li ninforma, li komplejt nirreżisti d-drawwa li jitħallew jintramaw tower krejns f'toroq pubbliċi. Dan fisser anqas xkiel fit-toroq, inqas perikolu u aktar parkeġġi għar-residenti u n-negozji.

***Żgombru fuq il-Moll tal-Veċċja*** – Flimkien ma l-Awtoritajiet fassalna pjan biex liż-żgombru li kien ilu snin sħaħ jakumula fuq il-moll tal-Veċċja jiġi mneħħi. Kontra qalbi nantiċipa, li s-sitwazzjoni se terġa tirrepeti ruħa, konsegwenza li l-kunsill naqas tul is-snin milli jaddatta l-Bye-Law me ħtieġa dwar dan il-qasam.

**Għeluq**

Ir-rendikont ta' hawn aktar il-fuq ħuwa parti minn ħidma ferm aktar wisgħa ta' xogħolijiet li jiena wettaqt fis-sena 2020 favur it-titjib tal-kwalita tal-ħajja tar-residenti u l-lokalita ta' San Pawl il-Baħar b'mod inġenerali. Dan ir-rendikont qed inressqu għall-approvazzjoni tal-kunsill mhux biss għax obligat li nagħmel dan bil-liġi, imma ukoll, għax onestament jiena nemmen li bħala rappreżentanti tal-poplu dmirna lkoll huwa li ninfurmaw lill-publiku bil-ħidma li aħna wettaqna.

Minkejja, id-difikultajiet enormi li l-pandemija Covid-19 ġabet magħha, inħossni ferm sodisfatt bir-riżultati li akkwistajna fis-sena 2020, fejn nidejna pedamenti sodi ghal diversi proġetti ambizzjużi kif ukoll inizjattivi. Nemmen bis-sħiħ, li s-sehem tiegħi qed ikun strumentali biex ir-residenti ta' San Pawl il-Baħar jerġaw jibdew jemmnu fil-kunsill. Filwaqt li nirrikonoxxi l-isfidi ta' quddiemna, fiduċjuż, li bil-ħidma tagħna se nkomplu noffru s-soluzzjonijiet meħtieġa.

L-impenn sħiħ tiegħi se jibqa, li bl-għajnuna ta' Alla inkompli naħdem għal ksib ta' aktar riżultati pożittivi ghall-lokalita ta' San Pawl il-Baħar.

Grazzi

Alfred Grima
Sindku
San Pawl il-Baħar

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

**Yearly Council Report 2020**

**Councillor Carlos Zarb**

The year 2020 was a difficult and limited year most especially due to the pandemic but as Councillor responsible from youths and children and sports and physical activities I feel that I still managed to carry out my duties.

**The responsibility of youths and children**

In January prior to the pandemic the council assisted in a cleanup carried out by the Buġibba Skatepark Group by providing a number of rubbish bags and gloves upon my recommendation. On the day of the cleanup I was also present and gave a helping hand to these youths. Unfortunately, the Council`s youth committee and I had planned several activities together like the previous year but due to the pandemic we had to postpone such activities. This does not mean I abandoned such responsibility in fact together with the executive youths of the committee we carried out other restrictive activities such as a number of clean ups throughout the locality and visit to the Malta blood bank where some of even donated blood. Once again, the council provided its services and equipment this time to the Qawra Scout group in their organized a cleanup where once again I served as bridge between the youth organization and the council.




## The responsibility of sports and physical activities

Unlike the previous year we had to can cancel the "Run4charity" event due to covid19. This gave us more time to focus on tangible projects hence now the residents can benefit from a new outdoor gym next to the Aquarium. Proudly with the financial help of FTZD which was also acquired with the help of the Mayor I can say I coordinated the project with the contractor on behalf of the council. Together with the mayor we also met with a representative from SportMalta where we discussed possible collaboration and assistance from their behalf to

provide us with more information regarding certain sites that could possibly be open for public use.




## Other works

Apart from the ones mentioned above there are several other works that I have conducted as a Councillor. One of my proudest proposal was the council app where I did not only propose it but worked continuously with developer to ensure that such app included the need and requirements of both the council and the residents. Another task which I was a front liner in was the bylaw that the council passed last August. I had suggested this to the Mayor and the council back in

2019, but in 2020 I formed part of the board that reviewed and conducted changes in the bylaw which was firstly proposed in June. Believing in the importance of this bylaw I even seconded the motion brought forward by the Mayor. These are only a few of the highlights that I took part in as a council member, hence it is also important to mention the hundreds of complaints that I brought forward throughout the whole year to the council`s attention by email and other types of communications.

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888









**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

---

**Rapport ta' ħidma – Kunsillier Graziella Galea**

Graziella Galea hi l-minority leader u l-kunsillier responsabbli mill-komunita' ta' Burmarrad, fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar.

San Pawl il-Baħar hi l-ikbar lokalita' ġewwa Malta u Għawdex. Din il-lokalita' tkopri diversi żoni bħal Buġibba, Burmarrad, Qawra, San Pawl il-Baħar u x-Xemxija, kif ukoll żoni rurali oħra bħal Għajn Astas, l-Imbordin, San Martin u l-Wardija. Għal numru ta' snin kien hawn ukoll Kumitat Amministrattiv, li kien jinkludi lil Burmarrad u lill-Wardija. Il-Kumitati Amministrattivi tneħħew b'effett minn meta ġew fis-seħħ l-emendi riċenti tal-Att dwar il-Gvern Lokali. Minflok, l-istess Att jistabilixxi li għandu jkun hemm kunsillier responsabbli għall-komunita', skond id-disa' skeda tal-istess Att. Fil-każ ta' San Pawl il-Baħar il-komunita' hi dik ta' Burmarrad, liema komunita' fil-konfini tagħha tinkludi wkoll primarjament il-Wardija. Ir-responsabbilita' tal-komunitajiet ġiet spjegata f'laqgħa li saret dwar din ir-responsabbilita' mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet u d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għal liema laqgħa Galea attendiet.

Il-komunita' ta' Burmarrad hi differenti ħafna mill-maġġoranza tal-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar. Filwaqt li f'Burmarrad illum il-ġurnata nsibu numru mdaqqas ta' residenti, l-ammont ta' residenti fil-Wardija hu ferm inqas. Kemm f'Burmarrad kif ukoll fil-Wardija nsibu parti kbira miż-żona li hi żona agrikola, dan b'kuntrast għall-bqija tal-lokalita' fejn fiha nsibu ammont kbir ta' bini u ftit li xejn żona agrikola, ħlief għal xi eċċezzjonijiet bħal San Martin, Għajn Astas u l-Imbordin.

Graziella Galea temmen fl-importanza dwar il-kuntatt kontinwu mar-residenti sabiex hi tkun tista' tressaq is-suġġerimenti u l-ilmenti tar-residenti li titkellem magħhom. Għaldaqstant hi assigurat li r-residenti ta' din iż-żona wkoll ikunu mismugħa.

**L-indafa u l-ambjent**

L-indafa hi essenzjali u l-ġbir tal-iskart għandu jsir b'mod regolari skond l-iskeda. Il-ġbir tal-iskart issa ġie maqsum f'ħames tipi differenti : skart imħallat (borża sewda), skart organiku, skart riċiklabbli, ħġieġ, u skart goff. Fejn kien hemm ilmenti dwar nuqqas ta' wieħed minn dawn il-ġbir ta' skart Graziella ressqet dan l-ilment lill-kunsill lokali. Importanti li l-kuntratturi jimxu mal-iskeda tal-ġbir ta' skart kemm f'dak li huma ġranet kif ukoll ħinijiet sabiex l-iskart ma jibqax fit-toroq tagħna għal siegħat sħaħ. Kien hemm ukoll każijiet fejn oġġetti nħargu barra mingħajr ma sar appuntament mal-Kunsill Lokali għal ġbir ta' skart goff. Hawnhekk Galea nfurmat lill-Kunsill Lokali sabiex dawn l-oġġetti jinġabru. Dan sar sabiex jigi assigurat li kemm jista' jkun ma jitħalliex skart jiġri barra, b'rispett lejn is-saħħa tagħna, b'mod speċjali waqt il-pandemija tal-Covid-19. Kultant fil-Wardija jkun hemm problema ta' nies li jiġu fl-inħawi għal picnics u jħallu skart warajhom. Ringrazzjament imur lejn ir-residenti, għaliex fil-parti kbira tagħhom, josservaw ir-regoli u jimxu mal-iskeda tal-ġbir.

Insibu wkoll numru ta' bin on wheels, b'mod partikulari fiż-żona rurali tal-lokalita'. Għaldaqstant fejn dawn kienu qiegħdin ikunu mimlija, Galea infurmat lill-kunsill sabiex ikun jista' jsir it-tbattil neċessarju mill-aktar fis u li dan it-tbattil isir b'mod regolari. L-istess seħħ fil-każ tal-bin on wheels għal skart riċiklabbli. F'każijiet bħal dawn iż-żona tal-madwar kienet tkun ukoll maħmuġa u allura Galea kienet titlob li l-iskart tal-madwar jinġabar u ż-żona titnaddaf.

Galea rċeviet ukoll numru ta' lmenti fuq nuqqas ta' knis jew żoni li fihom kien hemm bżonn ta' tindif per eżempju minħabba tajn li spiċċa hemm. Fil-każ tal-Wardija kien hemm ukoll ammont ta' ġebel fuq taraġ fiż-żona. Galea insistiet li jsir ix-xogħol neċessarju bħal knis, tindif, u fejn meħtieġ ħasil, liema xogħol għandu jibqa' jsir b'mod regolari, sabiex tiġi aċċertata l-iġjene massima possibli. F'dan il-każ ukoll Galea nfurmat lill-Kunsill sabiex ir-residenti u kull min jgħaddi minn dawn it-toroq jara triq kemm jista' jkun nadifa.

Diversi residenti, b'mod partikulari fil-Wardija, lmentaw dwar il-fatt li l-ġbir tal-iskart ma kienx qed isir skond l-iskeda tal-ġbir tal-iskart għall-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. L-ikbar problema hi dik tal-ġbir tal-ħġieġ minħabba li ġbir wara ġbir, il-ħġieġ ma baqax jinġabar skond l-iskeda u allura jkollna sitwazzjoni bi ħġieġ mifrux 'l hawn u 'l hemm. Id-diffikulta dwar il-ġbir tal-ħġieġ kompliet tiżdied wara li ġie mitlub li l-ħġieġ jinħareġ f'kontentitur li jista' jerġa jintuża. Sfortunatament l-ilmenti dwar dan in-nuqqas baqgħu prattikament

konsistenti. Ir-residenti nfurmaw lil Galea li l-ġbir tal-iskart tal-ħġieġ fil-Wardija kien qed isir permezz ta' karozza. F'dan ir-rigward baqa' iktar xi jsir sabiex jiġi assigurat li l-ġbir tal-ħġieġ isir verament skond l-iskeda minn kull residenza. Galea ser tibqa' taħdem sabiex anke dan il-ġbir isir fil-ġurnata li suppost isir.

L-iskeda tal-ġbir tal-iskart ġiet ippublikata wkoll fuq il-mezzi soċjali sabiex ir-residenti jkunu nfurmati bil-ġranet u l-ħinijiet tal-ġbir ta' skart differenti. Galea kemm-il darba spjegat lir-residenti din l-iskeda, b'mod partikulari lil residenti li ma jkunux ilhom jgħixu fil-lokalita'. Fejn kien hemm rapport li xi residenzi mhumiex qed jimxu mal-iskeda tal-ġbir ta' skart, Galea talbet li dawn ir-residenzi jiġu nfurmati b'dan in-nuqqas u jiġu provduti bl-iskeda sabiex ikun aċċertat li wieħed ikollu l-informazzjoni kollha sabiex ikun jista' jimxi ma' din l-iskeda.

Sfortunatament nemmen li baqa' iktar xi jsir f'dak li hu infurzar fil-każ tar-rimi tal-iskart. Galea ressqet proposta li ġiet approvata mill-Kunsill Lokali biex żewġ live cameras mogħtija mir-Reġjun Tramuntana jintużaw sabiex isir infurzar fuq abbuż dwar rimi ta' skart sabiex dawn ikunu jistgħu jgħinu fl-infurzar f'dan is-sens.

Fil-komunita' nsibu numru ta' bin on wheels. Għaldaqstant fejn Galea ġiet infurmata jew innutat li kien hemm bin on wheels imkissra hi talbet lill-Kunsill Lokali sabiex isir il-bdil ta' dawn il-bin on wheels. Tressqu wkoll ilmenti dwar bins imkissra u l-ħtieġa li dawn jinbiddlu kif ukoll li jiżdiedu n-numru ta' bins. Saru wkoll talbiet għal żieda ta' dog pooh bins.

Graziella Galea ressqet ukoll proposti ta' postijiet fejn jista' jsir tħawwil ta' siġar sabiex l-ammont ta' siġar fil-lokalita' jiżdied.

Inħasset il-ħtieġa wkoll li jsir qtugħ ta' ħaxix kemm fiż-żona rurali kif ukoll fiż-żona urbana tal-lokalita', dan sabiex tiġi assigurata s-sigurta' ta' kull min juża t-toroq tal-lokalita'. Dan japplika kemm għal dawk li jkunu qed isuqu l-vettura tagħhom sabiex il-viżibilita tkun waħda tajba, kif ukoll għal dawk li jkunu qiegħdin mixjin fuq il-bankini sabiex wieħed ikollu bankina minn fejn jgħaddi li tkun waħda aċċessibbli u mingħajr xkiel.

Matul is-sena saru numru limitat ta' clean ups. Minħabba l-pandemija tal-Covid-19 ma kienx possibli li jiġu organizzati clean ups bħas-soltu. Galea wettqet tindif kemm b'mod individwali kif ukoll bħala parti minn grupp.

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

**Dwal tat-toroq mitfija u entitajiet**

Galea nnutat u ġiet infurmata dwar xi nuqqasijiet fid-dawl tat-toroq u dawl dekorattiv. Għalhekk għamlet diversi rapporti fuq globi mitfija u bozzoz li kienu jteptpu jew mitfija kif ukoll suġġerimenti għal iktar bozzoz jew żieda fil-vultaġġ f'certu toroq. Kien hemm ukoll okkażjonijiet fejn żoni sħaħ spiċċaw bid-dawl pubbliku kollu mitfi, u b'hekk inħoloq sens ta' nuqqas ta' sigurta għal kull min jgħaddi minn dik iż-żona. Għaldaqstant Galea ressqet rapporti lill-Enemalta u lill-Kunsill Lokali u baqgħat issegwi dan ir-rapport sabiex dik iż-żona terġa tixgħel mill-iktar fis.

Kien hemm ukoll materji li jolqtu servizzi oħra bħal ilma ħiereg, preżenza ta' ġrieden u nuqqas ta' provista ta' servizz ta' komunikazzjoni jew tappieri li kienu qiegħdin joħolqu inkonvenjent lil kull min joqgħod jew jgħaddi minn dik it-triq partikolari. F'dan il-każ Galea għamlet kuntatt dirett mal-entita' kkonċernata sabiex ir-residenti ma jibqgħux isofru minn xi inkonvenjent.

**Xogħolijiet Infrastrutturali**

Galea għamlet ukoll diversi rapporti fuq ħsarat infrastrutturali sabiex tiġi assigurata s-sigurta ta' min ikun qiegħed isuq jew miexi minn triq partikolari. Dawn kienu jinkludu rapporti dwar ħofor fit-toroq, u tkissir ta' bankini, slabs, manholes u spralli. Ġie nnutat ukoll retaining wall li ġġarraf fit-telgħa ta' San Martin, liema ħajt kien qed iżomm it-triq. Hawnhekk ukoll sar rapport sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol neċessarju qabel ma tiġġarraf it-triq u jweġġa xi ħadd. Fiż-żona ta' Burmarrad u l-Wardija saru numru ta' toroq mill-Gvern Ċentrali liema xogħol Galea segwiet mill-qrib. Fejn kien hemm diffikultajiet dwar trinek, ġiet ukoll ikkuntattjata l-entita responsabbli sabiex ir-residenti ma jbatux minn tali inkonvenjent.

Numru ta' tabelli tat-traffiku u mirja kien hemm bżonn li jinbiddlu jew jiżdiedu. Hawnhekk ukoll Galea għaddiet din l-informazzjoni lill-Kunsill Lokali sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol neċessarju f'dan ir-rigward. Fir-rigward tal-Wardija, numru ta' residenti ressqu suġġeriment

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

biex jinbiddlu xi tabelli u dawn isiru b'materjal adekwat għal din iż-żona. Din il-proposta ġiet approvata mill-Kunsill Lokali u r-residenti biddlu dawn it-tabelli a spejjeż tagħhom.

Il-Kunsill kien approva li jsir xogħol sabiex numru ta' playing fields isiru mill-ġdid. Kienet saret laqgħa fejn fiha ġew diskussi numru ta' playing fields fil-lokalita' u l-proposti għalihom. Matul is-sena komplew isiru preparamenti biex fil-playing field ta' Burmarrad flimkien ma' playing fields oħra isir dan ix-xogħol ta' tibdil. Għaldaqstant Galea tat l-idejat u l-proposti tagħha sabiex ir-residenti, inkluż dawk ta' Burmarrad, jkollhom żona kif jixirqilhom, għalkemm sa issa għadhom ma nħarġux il-permessi neċessarji mill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex ikun jista' jsir dan ix-xogħol f'Burmarrad. Matul is-sena saru wkoll diversi lmenti dwar ħtieġa ta' tindif u ħasil fil-playing fields eżistenti. Billi l-funtana fil-pjazza ta' Burmarrad ġarrbet numru ta' ħsarat Galea nsistiet li din il-funtana kellha tissewwa mill-aktar fis, fejn din kellha tissewwa wara li tissewwa l-funtana ġo Buġibba.

**Estensjoni għal pompa tal-petrol f'Burmarrad**

F'Burmarrad saret applikazzjoni, mil-privat, mal-Awtorita' tal-Ippjanar għal estensjoni ta' pompa tal-petrol eżistenti. Il-Kunsill iddeċieda li ssir oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni. Sfortunatament l-oġġezzjoni ma daħlitx ghand l-Awtorita' tal-Ippjanar fil-perijodu sptipulat ghall-oġġezzjonijiet.

**Attivitajiet**

Fil-bidu tas-sena kien hemm pjan biex, kif sar fis-snin l-imgħoddija, tiġi organizzata attivita' pubblika f'Burmarrad. Sfortunatament il-pandemija tal-Covid-19 fixklet dan il-pjan u l-attivita' f'Burmarrad, bħal attivitajiet oħra, ma setgħetx issir. Wieħed jittama li l-istess attivita' jew attivitajiet oħra jkunu jistgħu isiru matul is-sena 2021.

Din is-sena wkoll, fi żmien il-festi tal-Milied, sar it-tiżjin fiż-żona ċentrali ta' Burmarrad. Ringrazzjament imur lejn il-Kumitat tal-Festa tas-sehem li taw fil-perijodu tal-Milied.

**Byelaw dwar il-ġarr u konsum ta' alkoħol**

Matul is-sena ġiet imfassla byelaw dwar il-ġarr u l-konsum ta' alkoħol fil-lokalita' fejn Galea kienet tifforma parti minn grupp ta' erba' kunsilliera li ħadmu fuq din il-byelaw fejn ilkoll tajna s-suġġerimenti u l-idejat tagħna sabiex ikollna l-aħjar bye law possibli skond l-esiġenzi tal-lokalita', inkluż iż-żoni rurali bħal Wardija. Dan sar wara li diversi residenti kienu qiegħdin jilmentaw dwar abbuż rigward il-konsum ta' alkoħol f'ċertu postijiet u li numru ta' persuni kienu qiegħdin jintefgħu jixorbu qrib ir-residenza tagħhom. Sfortunatament sa issa din il-byelaw għadha ma ġietx approvata u ppublikata skond kif tgħid il-liġi. Ladarba din il-byelaw tidħol fis-seħħ, wieħed jittama li jkun jista' jsir infurzar aħjar biex jiġu ndirizzati d-diversi lmenti li kien u għadu jkun hemm f'dan ir-rigward.

**Laqgħat**

Graziella Galea pparteċipat f'diversi laqgħat li kienet mistiedna għalihom relatati mal-ħidma tagħha. Dawn kienu jinkludu mhux biss il-laqgħat formali u informali tal-Kunsill iżda wkoll laqgħat oħra organizzati minn terzi bħal per eżempju l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali u r-Reġjun Tramuntana. Graziella segwiet u pparteċipat fil-laqgħat tal-Kunsill Lokali fejn inġibdet l-attenzjoni sabiex ikun assigurat li l-proċeduri u l-liġi jiġu mħarsa. Fost laqgħat oħra li Galea attendiet għalihom insibu laqgħa mal-pulizija dwar il-community policing. Sfortunatament hawnhekk irrid nilmenta mill-fatt li minkejja għal darba, tnejn, kien mistenni li din is-sistema tiġi introdotta wkoll f'San Pawl il-Baħar, sa issa dan għadu ma seħħx. Wieħed jittama li sal-aħħar tal-2021, il-community policing jibda jopera ukoll f'San Pawl il-Baħar bħal lokalitajiet oħra. Laqgħa oħra kienet dik dwar l-inċineratur fil-Magħtab fejn hawnhekk tressqet l-preokupazzjoni tar-residenti ta' San Pawl il-Baħar. Wieħed jittama li meta l-proġett iseħħ, jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex iż-żona kollha ta' San Pawl il-Baħar ma tiġix affettwata negattivament b'dan l-inċineratur. Permezz tal-attendenza tagħha għal laqgħat bħal dawn Galea setgħet tressaq is-suġġerimenti, il-proposti u t-tħassib tar-residenti. Fejn kien meħtieġ Galea għamlet ukoll koordinazzjoni mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali.

Galea ressqet ukoll diversi proposti ta' ismijiet. Fil-kaz ta' *Project in Schools - "Celebrating our Locality's sportspersons"*, tressqu numru ta' ismijiet ta' persuni li taw kontribut fl-isports fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar sabiex dawn jigu nnominati. Fir-rigward ta' ismijiet tat-toroq, tressqu ismijiet ta' numru ta' persuni li taw kontribut lill-lokalita' sabiex numru ta' toroq jissemmew għalihom.

**Skema ta' neutering u provista ta' ikel għal qtates**

Diversi residenti għamlu kuntatt ma' Galea rigward l-iskema ta' neutering tal-qtates u provista ta' ikel għal min jieħu ħsieb qtates li jkunu qiegħdin iduru fit-toroq tagħna. Volontarjament huma kienu qiegħdin joffru l-ħin u r-riżorsi tagħhom lejn in-numru ta' annimali 'stray' li kellna fil-lokalita'. Tħejjiet applikazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' jibbenefika minn fondi apposta permezz ta' skema maħruġa mill-Gvern Lokali għal neutering u shelters għall-qtates. Għaldaqstant Galea għenet lil diversi residenti sabiex huma jiġu rreġistrati bħala cat feeders u jibbenefikaw minn fondi allokati mill-Kunsill Lokali kif ukoll min din l-iskema maħruga mill-Gvern Ċentrali.

**Materji Oħra**

Matul is-sena Galea ressqet numru sostanzjali ta' lmenti u suġġerimenti. Fil-każ tal-ilmenti, għalkemm mhux kollha ġew indirizzati, wieħed jispera li dawn jiġu ndirizzati matul is-sena li qiegħdin fiha. Uħud mill-ilmenti kienu dwar ħsarat ta' vandaliżmu bħal kitba fix-Xemxija Heritage Trail, tkissir ta' telephone booth, kitba bi kliem dwar il-Covid-19 fuq art pubblika u privata, u l-bus shelter fix-Xemxija. Ħsarat jew ħtiġijiet oħra li ġew irrapurtati kienu wires imdendlin, drenaġġ ħiereġ fil-baħar taħt l-iskola, ħtieġa ta' xogħolijet fuq zebra crossings, tneħħija ta' vetturi u dgħajjes abbandunati.

**Għajnuna lir-residenti**

Il-pandemija tal-Covid-19 fissret li ħafna persuni, b'mod partikulari anzjani, qattgħu is-sena prattikament magħlula ġewwa djarhom. Għaldaqstant Galea għenet lil dawk ir-residenti li kienu

maqfula fi djarhom kemm bi provista ta' oġġetti essenzjali kif ukoll billi żżomilhom kumpanija. Diversi ma setgħux jiġbru l-boroż organiċi u riċiklabbli li huma intitolati għalihom b'xejn bħala residenti fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar. Meta dawn kienu disponibbli mill-Kunsill, Galea rat li dawn jingħataw ukoll lil dawk li kellhom diffikultajiet biex jiġbruhom u dan billi marret hi stess b'dawn il-boroż. Sfortunament il-boroż riċiklabbli mhux dejjem kienu disponibbli. Wieħed jispera li din id-diffikulta' tigi solvuta fl-iqsar żmien possibli. Minbarra dan billi fl-uffiċju tal-Kunsill hemm numru ta' applikazzjonijiet għal servizzi offruti minn dipartimenti u awtoritajiet tal-Gvern, Galea wasslet dawn l-applikazzjonijiet u fil-każijiet fejn l-applikazzjoni kienet issir online għenet kemm biex tiprovdi informazzjoni lil min kellu bżonn japplika kif ukoll biex l-istess applikazzjonijiet jimtlew fejn ir-residenti kellhom diffikulta biex jagħmlu dan.

**Konklużjoni**

Fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar jeżistu sfidi kbar, dan meta wieħed iqis in-numru ta' persuni li jgħixu f'din il-lokalita', ġejjin minn diversi pajjiżi u b'reliġjonijiet, tradizzjonijiet u kulturi differenti. Graziella rat l-importanza li tkun qrib in-nies u dan billi kontinwament iltaqgħet ma' numru ta' residenti fosthom anzjani, persuni b'diffikultajiet soċjali, finanzjarji, jew ta' saħħa. Il-pandemija tal-Covid-19 naqqset dan il-kuntatt u l-kuntatt ma' baqax isir wieħed fiżiku iżda b'mod differenti b'numru ta' messaġġi u telefonati lil diversi, fosthom, nies vulnerabbli u anzjani. Bħala kunsilliera Graziella ser tkompli taħdem biex id-diversi ħtiġijiet tal-lokalita' u tar-residenti ikunu qiegħdin jiġu ndirizzati, kemm jekk inhuma ħtiġijiet marbuta maż-żoni fejn joqogħdu jew jiffrekwentaw ir-residenti kif ukoll jekk jikkonċernaw ħtiġijiet oħra li fihom il-Kunsill jista' jagħti s-sehem tiegħu.

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

**Rapport ta' Ħidma fis-sena 2020**

Is-sena 2020 tibqa' mfakkra bħala s-sena tal-Corona Virus. Laqtet lil kulħadd. Il-ħidma fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar naqset xi ftit mir-ritmu imma l-kunsill lokali baqa' reżiljenti u żamm il-bibien miftuħa sabiex jingħata servizz lir-residenti. Bħala kunsillier responsabbli minn diversi suġġetti, ħafna mil-ħidma stajt inwettaqha bit-teleworking. Madankollu kelli xi attivitajiet li kellhom jitħassru minħabba l-pandemija.

**Fil-qasam tal-edukazzjoni**

Fil-bidu ta' Jannar, wara l-festi tal-Milied fassalt programm li kien se jkun imħallas taħt l-iskema tal-LESA li jindirizza l-istudenti tal-iskola primarja ta' San Pawl il-Baħar fejn dawn setgħu joħorġu mill-iskola u bit-transport jittieħdu f'razzett ġewwa limiti tal-Manikata. Il-programm kien jinkludi tagħlim fuq tkabbir tal-ħaxix tal-borma, fejn l-istudenti tal-primarja jħammġu idejjhom fejn iħawwlu, jiżżergħu ż-żriegħ u jaħsdu wkoll il-ħaxix mill-għalqa. L-istudenti esperjenzaw ukoll kif jikbru s-siġar tad-dwieli u tal-frott irqiq kif ukoll raw kif jinżammu l-mogħoż u n-nagħaġ fir-razzett. Wara l-mawra fir-razzett, il-klassi tmur ġo restaurant f' San Pawl il-Baħar, liema r-restaurant tal-Gillieru mhux bogħod mill-iskola primarja u kienet ħarġa mal-għalliema li serviet ukoll ta' eżerċizzju fiżiku għall-istudenti. Ġewwa ir-restaurant, l-istudenti kien jippreparaw " healthy breakfast" fejn kienu jesperjenzaw xogħol fil-kċina u x' tinvolvi x-xogħol ta' preparamenti tal-kolazzjon ta' filgħodu.

Kienu pparteċipaw tlett klassijiet, għax fil-bidu ta' Marzu, 2020 l-iskejjel kollha għalqu w allura ma setax jitkompla dan il-programm. Fil-fatt, meta reġgħu nfetħu l-iskejjel idaħħal protokol strett li ma kienx jippermetti ħruġ tal-istudenti barra l-bibien tal-iskola.

Fil-binja tal-iskola, sar xogħol fil-librerija pubblika. Kien xogħol meħtieġ u żammet f'kuntatt mal-perit Fenech li jikkordina x-xogħolijiet tal-FTS fl-iskejjel u fl-entitajiet kollha tal-edukazzjoni. Il-librerija ssaħħet bl-għotja ta' kotba ġodda mill-kunsill lokali u l-istatistika turi li għad hemm ħafna interess mill-pubbliku li jisselfu kotba tal-qari. Mal-FTS, inbdew ukoll diskussjonijiet sabiex il-binja tal-librerija tmur f'sit aħjar milli qegħda u dan jegħleb l-izvantaġġ li l-librerija pubblika għandha t-taraġ u mhix aċċessibbli.

Tajt ukoll kontribut siewi lill-iskola tal-Wardija, li hija skola speċjali fejn l-għan ewlieni jibqa' li ma jintużax bexx bil-kimika imma ndaħħlu prattiċi ġodda tal-agroekoloġija kif ukoll inwassal li din l-iskola

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

tkun l-ewwel skola fl-UE li tkun ċertifikata bħala li għandha r-raba' organiku. Dan huwa proċess ta' tlett snin. Biex jissaħħu l-idejn tal-għalliema fuq il-biedja organika, ktibt manwal fuq il-biedja organika li jservi bħala gwida lill-għalliema u lill-ġardinara biex jirnexxu jkabbru prodotti organiċi. Il-kunsill lokali jgħin kemm jista' jkun lil din l-iskola li hija l-mimi t'għajnejna.

**L-ambjent**

Fil-lokalita ta' San Pawl il-Baħar l-kunsill ġab b'xejn siġar u arbuxelli li tħawwlu fil-lokalita. Kellna attakki mill-insetti għedewwa fuq l-Oleander max-xatt ewlieni tal-kosta, liema rimedju naturali ġie applikat u żammejna lill-Afidi milli jkomplu jagħmlu ħsara. Ingħata wkoll il-fertilizzant organiku sabiex jissaħħu l-pjanti mħawwla. It-taħwil involva siġar maltin u tħajjru wkoll il-voluntiera li jagħtu daqqa t'id lil ġardinara tal-kunsill sabiex titkattar il-ħdura. Barra x-xogħol ta' taħwil ġdid, saret iż-żabra fuq diversi siġar, kif ukoll il-kunsill qabad kuntrattur biex isaqqi xi nħawi li kellu bżonn jissaqqa'. Il-programm tat-taħwil se jkompli wkoll fis-sena l-ġdida.

Ħdejn il-lokalita ta' SPB, huwa maħsub li jitwettaq proġett maġġuri fejn jinvolvi l-manniġġ tal-iskart. Għamilt riċerka fuq l-impjanti tal-iskart u tajt l-opinjoni tiegħi lil sħabi fil-kunsill lokali sabiex b'leħen wieħed tingħata feedback lil ministeru konċernat mill-proġett.

Kelli wkoll diversi laqgħat fuq il-moll tal-Veċċa fejn il-kunsill nadaf il-ħmieġ li kien jakkumula s-snin. Għad baqa' xi tiswijiet li jsiru bħall –lampi, kif ukoll l-uffiċċju tal-Fisheries li jista' jinżamm aktar ordnat.

Fix-Xemxija, nikkordina mal-imsieħba fuq is-sit il-ġdid ta' Natura 2000, liema art hija xagħri u pristina. Illum insibu ranger li jdur mas-sit u jżommna infurmati b'dak kollu li jkun għaddej.

Fejn jidħlu siti storiċi, applikajna biex nwettqu restawrazzjoni fuq pillbox ta' ħdejn ġnien l-olimpjadi, kif ukoll applikajna taħt il-Leader fuq miżura 1, 2 u 4 sabiex fondi taħt il-Galmajjistra jinġiebu biex inwettqu diversi proġetti ambjentali bħal konservatorju fil-Qawra, tisbieħ fil-ġnien millenium.

Mario Salerno
Kunsillier

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

**Data: 20/03/2021**

**Rapport ta' Ħidma- Kunsillier Anthony Delia**

Sentejn ilu bdejt il-mixja tiegħi bħala kunsillier fuq San Pawl il-Baħar. Mixja li bdejt bħala kunsillier nirraprezenta lil-partit Nazzjonalista,u minħabba cirkostanzi li inqalaw fi ħdan l'istess partit, ma stajtx inkompli izjed nirraprezenta lir-residenti li eleggewni f'isem il-partit Nazzjonalista.Għal daqstant ma kelli l'ebda għazla oħra ħlief dik li nirraprezenta lir-residenti bħala kunsillier Indipendenti.

F'dan l'ambitu, bdew javvicinawni residenti li minħabba l'istess cirkonstanzi , għal l'ewwel darba għamlu kuntatt miegħi. Dan izjed għamilli kuraġġ għal ħidma tiegħi bħala kunsillier.

-----------

Bħala kunsillier responsabbli mill-qasam socjali, din is-sena kienet waħda ta'sfidi kbar. Il-pandemija qatat kull kuntatt fiziku li kelli jien bħala kunsillier mar-residenti fejn jirregwarda il-home visits. Ġħal daqstant zammejt kuntatt mar-residenti bil,messaġġi,whatts app, u fuq FB dejjem wassalt il-messaġġ ta'soljedarjeta ma dawk l'aktar fil- bzonn. Kont hemm ukoll għal l'anzjani tagħna , meta mort ngħamillhom ix-xirja u oġġetti oħra ta'neċċessita. Ippartecipajt f'donazzjoni ta'demm u ħeġġigt lir-residenti jgħamlu l'istess,għax verament dak huwa ġest, li tista jssalva ħajja.

Il-qasam socjali jinkludi ukoll li jkollok, ambjent san ,ambjent nadif u ambjent li tħossok sigur tgħix fiħ.Hawn hekk ukoll iltqajt mad dirigenti ta' l'għassa tal-pulizijja tal-Qawra fejn tkellmu miegħi u spjeġawli ix-xogħol tagħhom ta' kuljum, biex stajt nifhem aktar il-problemi li jiffaccaw u kif nistaw intejbu is-servizz tagħhom lejn is-socjeta. Bħala kunsillier dejjem sħaqt li il-prezenza tal-pulizijja hija

waħda imperattiva fejn għandek socjeta imħalta bħal ta'San Pawl il-Baħar. Fil-fehma tiegħi il-Community policing hija parti mis-soluzzjoni emalgamata ma'mizuri oħra. Mizura minnhom hija, il-by-law tax-xorb.Ghalkhemm ħassejt li kien id-dmir tiegħi bħala kunsillier li nivvota favur biex jiskatta il-process ta'din

il-liġi , imma fl'istess waqt bħala cittadin ħassejt li qed innaqqas id-dritt ta'cittadini oħrajn li fil -maġġoranza tagħhom dejjem osservaw il-liġi.Biex ikollok lokal bħal ta'San Pawl il-Bahar u ikollna Qasam Socjali bilancjat irid ikun hemm sinerġijja waħda bejn ir-residenti u l'awtoritajiet.




Nemmen li il-qasam socjali u l'ambjent jimxu id f'id. Għaldaqstant f'isem il-kunsill ibbuttajt l'idea ta'energijja olternattiva bil- partecipazzjoni tagħna f'kompetizzjoni li semmejt 'Walk the Green Mile'. Idea innovattiva li il-ħsieb tagħha kien, li nibdlu il-mod ta'kif inħarsu lejn l'ambjent u fl'istess ħin niproducu energijja nadifa. Li ma irbaħniex din il-kompetizzjoni , mhux sa taqtali qalbi , imma sa nkompli nippromovi idejat simili.

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888




-----------

Bħala kunsillier fi ħdan il-board ta'l'infrastruttura, fejn is-sena l'oħra ħejjejt rapport/pjan dwar kif il-kunsill għandu jitratta il-problema ta' l'istat ħazin tal-bankini fil-lokalita tagħna,din is-sena bdejt indur zona, zona ,bankina,bankina u innizzel fuq pjanti fejn iridu isiru dawn l'interventi. Jien Anthony Delia , zgur li qed ngħamel dak li hu possibbli fil-kapaċitajiet tiegħi bħala kunsillier, biss inħoss li bħala kunsill fallejna fuq dan ir-regward. Għaliex fallejna, trid tkun zgur indirizzata.

Pavement%20plan.docx

Iz-zona magħrufa bħala Thalassalejn /is-Sementa u il-madwar kienu ilhom exieren ta'snien mitluqa u qedin fi stat ħazin hafna. Għaldaqstant ħejjejt pjan ħolistiku li jindirizza dawn in-nuqqasijiet. Dan il-pjan ġie imfassal mill-ħsibijiet

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

tar-residenti u ħadt ħsieb li nies b'dizabblita u l'anzjani tagħna igawdu minnu ukoll. Fil-pjan wieħed isib Belvedere ġdid għal l'anzjani tagħna. Pool biex jintuza għan nies b'dizabbilta. Access iktar siġur bejn is-sementa u iz-zona magħrufa bħala il-White rocks. Toilets u showers adekwati għal mijjiet ta'nies li jiffrekkwentaw iz-zona. Fil-pjan inkludejt ukoll, pjattaformi li jifirdu id-dagħjes min man-nies li jkunu qed jgħumu fis-sajf biex b'hekk nevitaw accident ieħor milli jseħħ.




Ftit xhur wara TM beda ix-xogħolijiet ta'manutenzjoni fuq l'istess zona.Tlabt lil kunsill biex jintervjena u biex niltaqaw mal-periti ta' TM sabiex flimkien insawru dan il-progett. B'dispjacir għar residenti dawn il-laqat qatt ma seħħu u spiccajna b'pjattaforma tal-konkos flok progett li zgħur kien jintlaqa tajjeb mir-residenti tagħna. Ir-resident ta'San Pawl il-Baħar jixraqlu aktar min hekk.

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888



Il-lokalita ta'San Pawl il-baħar għanda waħda mill l'itwal kosta. L'erozjoni tal-blat hija evidenti u vizibbli f'certu zoni .Għal daqstant attendejt laqat on-line fuq dan ir-regward,SAGE Malta ( Satellite Assisted Governance Erosion) fejn tkellimt u semmejt zoni li jridu jigu indirizzati fosthom, iz-zona ta'taħt il-bocci pitch (A), il-blat ta'taħt it-torri ta Wignacourt (D) u zoni ohra




Il Ministru tat-turizmu l'Hon.Clayton Bartolo ħabbar investiment ta'tisbieh għaz-zona ta'San Pawl il-Baħar. Fosthom, 300,000 euro għal manutenzzjoni ta' belvedere eziztenti . Investiment qawwi, li zgur bħala kunsillier irrid nara li dan isir bl'aktar mod li xejn ma jtappan dan l'istess investiment. Għaldaqstant ħejjejt proposti konkreti ta'kif nistaw intaffuf/innaqsu drastikament il-problema ezistenti tal-ħamiem, li fil prezent kullhadd jaf li dawn qed joħolqu problemi ta'ħmieg u qed ikunu ta'detriment għas-saħħa tar-residenti.

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888





Bħala kunsillier li inservi fl'lokalita bħall ta'San Pawl il-Baħar huwa ta'privileġ u fl'istess ħin hija sfida.

Dawn il-fatturi jgħamluli iktar kuraġġ u jimluni b'ħeġġa. Biss inħoss li jekk ma jkunx hemm sinerġijja bejn l'awtoritajiet u il-kunsill, progetti u ħsibijiet oħra li jistaw itejbu il-lokal tagħna, jibqaw lura jew saħansitra ma jsir xejn.Għalhekk inħares il-quddiem biex inkompli naħdem favur ambjent aħjar, qasam socjali li

ħadd ma jinzamm lura , infrastruttura bi proġetti innovvattivi.Imma fuq kollox li inzomm lir-resident fic-centru tal-ħsibijiet.

Grazzi u tislijiet,

Kunsillier Anthony Delia.

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

Rapport ta' Ħidma Sena 2020

Kunsillier Chris Vella Petroni Sena 2020

Bħala Kunsillier li nservi fil-Lokalita ta' San Pawl il-Baħar jiena għamilt diversi rapporti fuq bankini imkisrin xi ħofor fit-toroq spralli mkisrin ħsarat ta' xi ilma u dawl mhux jixel u affarijiet oħra. Fejn jiena għamilt rapport lil kunsill u parti min dawn il-kazijiet ġew solvuti. Kif ukoll għamilt diversi rapporti lil Kunsill fuq imbarazz u affarijiet oħra mormijin barra biex jinġabar. Ħadt ħsieb nagħmel diversi Clean ups biex il-lokalita tkun iktar nadifa kif għanda tkun!
Jiena ukoll fejn tlabt permess lil kunsill biex nibda norganizza yoga u mixja imma sfortunatament minhaba il-Pandemija ma stajx norganizza attivitajiet.

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

Data: 05/04/2021

**Rapport ta' Ħidma**

Jiena, Antoinette Bezzina, Kunsillier ġewwa l-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar u inkarigata mill-anzjani bħala dekasteru tiegħi. Din hi t-tieni darba li kkontestajt l-elezzjoni u erġajt ġejt eletta. Minħabba din il-pandemija jiena kelli nieqaf ħesrem mix-xogħol li kont nagħmel mal-anzjani peress li jiena kont norganizza l-ħargiet kulturali ta' kull xahar.

Jiena xorta għadni f'komunikazzjoni magħhom billi fejn qabel kont immur inżurhom u li ma nistax nagħmilha bħalissa, minflok inċempillhom sabiex nara kif inhuma u għandhomx bżonn xi ħaġa li nista' ngħinhom u nħoss li jieħdu pjaċir jitkellmu miegħi u jiena nifimhom aktar għax jiena anzjana bħalhom. Jekk ikollhom bżonn xi ħaġa bħal xi problema li nista' ngħinhom, jew inċempel liil-Kunsill Lokali jew xi Dipartiment tal-Gvern, skont xi tkun il-probema

Nittama' li din il-pandemija ma ddumx ma tgħaddi sabiex nerġa nkompli bix-xogħol li kont nagħmel qabel.